L-UFFIĊĊJU TAL-KUMMISARJU GĦALL-ĦARSIEN TAL-ANNIIMALI

RAPPORT ANNWALI – 2017

Is-sena 2017 kienet sena oħra interessanti u bieżla għall-Uffiċċju tiegħi. Fl-20 ta' Frar 2017 ingħatajt iċ-ċwievet għall-uffiċċju l-ġdid f'Regent Building level 2, Racecourse Street Marsa. Sejħa mill-impjegti tas-Servizz Pubbliku għall-pożizzjoni ta' Uffiċjali ta' Promozzjoni għall-Ħarsien tal-Annimali u għal dik ta' Uffiċjal tal-Ispezzjoni għall-Ħarsien tal-Annimali nħarġet u ġew maħtura tliet Uffiċjali ġodda.

Fit-8 ta' Marzu 2017 l-Uffiċċju tiegħi ġie mistieden mill-Assistent Kap tal-Iskola ta' De La Salle fil-Kottonera, is-Sur Robert Grech, biex nipparteċipaw fil-*Careers Day* għall-Istudenti tal-Iskola Sekondarja. Matul l-attività kellna stand li ħadna ħsiebha aħna, u b'hekk l-istudenti kellhom l-opportunità li jiddiskutu l-possibilità ta' karriera fil-qasam tal-ħarsien tal-annimali. Tqassmu wkoll kotba u fuljetti lil dawk l-istudenti li huma interessati fis-suġġett. Ikollna ngħidu li numru ta' studenti avviċinawna biex jiksbu aktar informazzjoni direttament minn għandna. Matul is-sena kien hemm għadd ta' studenti tal-Università u mill-MCAST li ċemplu l-uffiċċju tiegħi għal informazzjoni relatata mal-ħarsien tal-annimali f'Malta.

Fid-19 ta' April 2017 ġejt mistieden mis-Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Mosta, is-Sur Ivan Bartolo, biex nipparteċipa f'inizjattiva msejjħa **Mosta Solidali** u biex nagħmel diskors qasir dwar kwistjonijiet ta' ħarsien tal-annimali. Tkellimt dwar il-qtates tat-toroq fil-lokalità u l-importanza li l-Kunsilli Lokali jadottaw l-idea li jwaqqfu *cat café* għall-qtates tat-triq. Dan il-Kunsill Lokali ħa din l-inizjattiva u kien iggwidati mill-Uffiċċju tiegħi biex jiftaħ applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar sabiex jinbena *Cat Café* fil-Mosta.

Suġġett interessanti ieħor li tqajjem kien il-problema ta' ħamiem ferali u l-kontroll tagħhom f'dan il-villaġġ. Dwar dan tkellimt diversi drabi fuq il-midja, u offrejt soluzzjoni għall-kontroll tagħhom fejn issuġġerejt li jsir investiment f'*lofts* żgħar għall-ħamiem li jitpoġġew fuq il-bjut ta' bini fejn il-ħamiem ikunu jistgħu iferrgħu. Il-ħamiem ibidu l-bajd tagħhom li wara jinqerdu, u b'dan il-mod il-popolazzjoni tal-ħamiem titnaqqas bil-mod. Eżempju ta' dan sar f'Melbourne l-Awstralja fejn il-popolazzjoni tnaqqset bi 80% bl-użu ta' dawn in-nases.

F'Settembru 2017 kellna laqgħa mal-maniġment ta' kumpanija kbira biex ngħinuhom permezz tal-opinjonijiet tagħna dwar inizjattiva li jixtiequ jintroduċu l-'**Inizjattiva Pets fl-Uffiċċju**' fuq il-post tax-xogħol tagħhom. Din l-inizjattiva kienet introdotta wkoll fil-kumpanija prinċipali fi Franza, u din kienet ta' suċċess. Il-kontribut tagħna kien vitali għalihom u huma diġà rnexxielhom jabbozzaw dokument eċċellenti għal dawk l-impjegati li jixtiequ jġibu l-klieb tagħhom magħhom l-uffiċċju.

Il-promozzjoni dwar il-ħarsien tal-annimali din is-sena għal darb'oħra ffukat l-aktar fuq il-provvista ta' *lectures*, inkluż preżentazzjoni bil-PowerPoint, għall-istudenti li jattendu s-6 sena fi skejjel tal-istat, tal-knisja u privati. Għat-tielet sena konsekuttiva qassamna kopja tal-ktieb '**L-Imħabba Tagħna Lejn l-Annimali. Obbligi – Liġijiet – Regolamenti**'. Il-pubblikazzjoni tal-ktieb ta' ħidma '**Il-Ħbieb Tagħna l-Annimali**' li ġie stampat is-sena l-oħra u tqassam lill-istudenti kollha tal-5 sena reġa' tqassam lil dawn l-istudenti tul is-sena skolastika. Jekk inħarsu lejn ir-rispons li rċevejna, dawn il-pubblikazzjonijiet u d-diskorsi kienu tassew suċċess.

L-Uffiċċju tiegħi kien mistieden ukoll għall-ewwel darba li jorganizza laqgħat ta' informazzjoni għar-residenti anzjani t' St Vincent de Paul, wara li għadd ta' familjari ta' dawn l-anzjani ċemplului u talbuni nibda din l-inizjattiva. Ir-residenti apprezzaw il-ktieb u l-ħin li qattajna magħhom.

Għal darb'oħra din is-sena l-Uffiċjali ta' Promozzjoni tagħna kkollaboraw mad-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali u ppartecipaw f'*talks* marbuta mal-promozzjoni għall-ħarsien tal-annimali. Fil-15 ta' Ottubru 2017 ippartecipajna wkoll fl-attivitajiet tal-Jum ta' Għarfien dwar il-Ħarsien tal-Annimali li ġew organizzati fil-Farm Esperimentali tal-Gvern fl-Għammieri il-Marsa. Waqqafna stand b'materjal promozzjonali mill-Uffiċċju tiegħi għal dan il-għan, fejn żaruna mijiet ta' persuni.

Fid-9 ta' Diċembru 2017, ġejt mistieden mis-**Service Dogs Malta Foundation** għal **Service Dogs Meet'n'Greet** fejn tlett iklieb ta' servizz ġodda li ggradwaw b'suċċess biex jaħdmu ma' tfal li qed jirċievu terapija għall-awtiżmu. Jien tassew meraviljat bix-xogħol imprezzabbli li jsir fis-settur ma' persuni b'diversi diżabilitajiet.

Matul din is-sena l-Uffiċċju tiegħi rċieva tliet mija u tmienja u disgħin rapport, l-aktar minn ċittadini Maltin u minn turisti. Il-parti il-kbira ta-ilmenti tal-barranin kienu dwar sidien ta' karozzini li jżommu liż-żwiemel tagħhom għal perjodi twal fix-xemx fis-sħana tas-sajf. F'dan ir-rigward inbdiet petizzjoni online biex il-karozzini jiġu pprojbiti milli jaħdmu f'Malta. Il-parti l-kbira tal-ilmenti ġew investigati mill-Uffiċċju tiegħi. Uħud kienu indirizzati mid-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali u d-Dipartiment tal-Veterinarji. Din is-sena tlajt nixhed ukoll fil-qorti dwar diversi każijiet ta' ħarsien tal-annimali.

Fit-28 ta' Marzu 2017 l-Uffiċċju tiegħi fetaħ kont bankarju mal-Bank Ċentrali ta' Malta wara li dan ġie approvat mill-Ministru tal-Finanzi . L-iskop ta' dan il-kont hu li jgħin fil-finanzjament ta' **Rehoming Centre** f'Malta li jilqa' klieb u qtates li jiġru fit-toroq feruti, li bħalissa qed jinżammu fil-bini tad-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali. L-idea ġiet f'moħħi xi erba' snin ilu u kompliet tikber wara laqgħa li kelli ma'  individwu li xtaq jibqa' anonimu u grupp maniġerjali ta' kumpanija f'Malta. Fil-31 ta' Diċembru 2017 dan l-individwu kkontribwixxa ħamest elef euro (€5,000) fil-kont b'numru **MT94MALTA011000040090EURCMG5001R**. Hu wiegħed li se jibqa' jagħmel donazzjonijiet għal din il-kawża. Kopja ta' dan ir-rendikont hija mehmuża ma' dan ir-rapport.

L-interess muri mill-pubbliku fir-rigward tal-ħarsien tal-annimali huwa tassew apprezzat. Madankollu, wara l-investigazzjoni ta' rapporti rigward it-trattament ħażin tal-annimali minn Uffiċjali għall-Ħarsien tal-Annimali, l-Uffiċċju tiegħi sab li għadd minnhom ma kienux korretti. Fil-fatt f'dan ir-rigward ġie rreġistrat titjib fiż-żewġ Direttorati.  In-nuqqas ta' infurzar ta' Liġijiet u Regolamenti inġenerali fir-rigward tad-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali u d-Direttorat tal-Veterinarji huma l-akbar nuqqasijiet li għandhom jiġu indirizzati minn dawn id-Direttorati.

**Għaldaqstant nirrakkomanda li ż-żewġ Direttorati jingħaqdu fl-isforzi tagħhom u jkollhom Ispettorat effiċjenti li jindirizza l-infurzar tal-liġijiet u r-regolamenti fuq bażi regolari ta' kuljum.**

**Emanuel Buhagiar**

**Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali**